# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT FRANCESCO DEPASQUALE

LL.D. LL.M. (IMLI)

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**Vs**

**William Nicolas Guillaume Burlot**

Illum, 09 ta’ Mejju 2018

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat ta’ 22 sena, iben Michel u Regine nee Denis, imwieled Franza nhar id-29 ta’ Novembru, 1995, residenti gewwa 9, Rue de Calvaire, Ploufragan, France, dententur tal-karta tal-identita` Franciza **110122403061** u Passaport Franciz bin-numru **17DH38417;**

U akkuzat talli nhar it-8 ta’ Mejju, 2018, gewwa dawn il-gzejjer;

1. Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art 8 (D) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Deher l-ufficjali prosekutur l-Ispetturi Jonathan Cassar li qara u halef l-akkuzi fil-konfront tal-imputat u ezebixxa bhala dokumenti il-fedina penali, kopja tal-karta tal-identita' Franciza, kopja tal-Passaport, l-ordni tal-Avukat Generali u evidence bag bi crusher immarkat bhala S01344630.

Dr Licari inhatar sabiex jaghmel traduzzjoni mill-lingwa Maltija u dik Franciza, u vice versa.

L-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-arrest.

L-imputat rregistra ammissjoni.

L-imputat inghata zmien biex jikkonferma l-ammissjoni tieghu u rega' ikkonferma tali ammissjoni.

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi u l-ligi, ossia Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u rat l-ammissjoni bikrija tal-akkuzat.

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghalhekk il-Qorti qed issibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u timmultah multa ta' Hames mitt Euro (Euro 500) filwaqt li tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet ezebiti quddiemha, ossia l-crusher.

**Maġistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**

**Deputat Registratur**